MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1237/2005/1

**C&C Express Limited**

**vs**

**Halida Kuduzovic**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Gunju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob s-somma ta' hames mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (LM526.28) bhala prezz ta' servizzi ta' courier rezi lill-konvenuta fuq ordnijiet taghha stess skond prospett anness mat-talba bl-ispejjez u imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez;

Ra r-risposta sollevata bil-lingwa Ingliza mill-konvenuta peress illi l-konvenuta mhijiex Maltija fejn qalet l-ammont mitlub mhuwiex dovut. Dan huwa dovut biss in parti minhabba li certi servizzi li jidhru fil-kont ma gewx rezi;

Fit-tieni lok kwalunkwe' bilanc dovut ghandu jigi pacut mill-ammont mitlub fil-kontro talba li huwa ammont ferm akbar mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici;

Ra l-kontro talba tal-konvenuta fejn giet mitluba s-somma ta' seba' mija tlieta u erbghin Lira Maltin u erba' u hamsin centezmi (LM743.54) u fejn intqal illi l-ammont jirraprezenta danni attwali kawzati mis-socjeta' attrici meta din ma rnexxielhiex tikkonsenja tlett pakketti kummercjali minn Malta sa Belgrad, bl-ispejjez inkluzi ittra tas-16 ta' Mejju, 2005 u mandat ta' sekwestru Numru 1419/2005 bl-imghax sal-pagament effettiv;

Ra r-Risposta fil-kontro talba sollevata mill-atturi rikonvenzjonati fejn qalu lli l-kontro talba tal-konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata wettqet l-inkarigu lilha fdat u kienet il-konvenuta stess u/jew il-konsenjatarju taghha li naqqsu milli jharsu il-proceduri necessarji, kif dettati mill-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiehdu il-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni li wasslet lilhom f'Belgrad;

Ra n-Noti ta' sottomissjonijet tal-partijiet;

Ra x-xhieda bl-*affidavits* ta' Mark Vella u Halida Kuduzovic, kif u ukoll ra u sema' x-xhieda tal-istess persuni;

Ra d-dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal pagament ta' servizz ta '*courier*' fis-Serbia & Montenegro u li l-konvenuta tghid li mhijiex dovuta stante illi parti mis-servizz mitlub ma giex rez u li in oltre dan l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghandu jigi pacut mall-ammont mitlub fil-kontro talba li jeccedi ferm l-ammont fit-talba. Il-kontro talba qieghda tigi kontestata mis-socjeta' attrici rikonvenzjonata. L-Ammont mitlub fil-kontro talba huwa ta' seba' mija tlieta u erbghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (LM743.54).

L-ammont fit-talba huwa ta' hames mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (LM526.28). Illi t-Tribunal jirrilleva lli dan l-ammont ikopri konsenji mit-2 ta' Novembru, 2004 sas-26 ta' Marzu, 2005. Illi sat-22 ta' Marzu, 2005 l-ammont dovut mill-konvenuta ma kienx ghadu mhallas. Il-Vertenza ta' din il-kawza tirrigwarda parti mill-ahhar l-ahhar invoice a fol.35 u l-ammont, li dwaru m'hemmx qbil huwa ta' mija tnejn u tmenin Liri Maltin u hamsin centezmu (LM182.50). Illi t-Tribunal jirrilleva lli huwa irid jestendi l-indagini tieghu fuq l-*invoices* li jkopru dak l-ammont. Min-naha wahda l-konvenuta qieghda tghid illi l-konsenja '*door to door*' ma saritx mis-socjeta' attrici u minn banda l-ohra s-socjeta' attrici qieghda tghid illi l-konsenja giet mizmuma mid-Dwana u mid-dipartiment tas-sahha ta' Belgrad fis-Serbia & Montenegro sabiex tigi spezzjonata. Is-socjeta' attrici tispjega lli hi m'ghandha ebda kontroll fuq regolamenti ta' pajjizi terzi li x'imdaqqiet johorgu ukoll *ad hoc*.

It-Tribunal, istabilixxa illi l-konvenuta kienet klijenta regolari tas-socjeta' attrici u li qabel l-ahhar konsenja immarkat fl-*invoice* tas-26 ta' Marzu, 2005 ma kienx hemm ilment dwar is-servizz offrut mis-socjeta' attrici da parti mill-konvenuta. Dawn it-tlett konsenji saru fit-3 ta Marzu, 2005 ohra fl-4 ta' Marzu, 2005 u t-tielet konsenja fl-10 ta'

Marzu, 2005 u cioe' ghal konsenji li jgibu n-numri 7507900813, 750790827 u 316246835.

Skond xhieda dokumentali ipprezentata mis-socjeta' attrici it-Tribunal jirrileva li dwar il-konsenja numru 750790827 din giet rifjutata fl-4 ta' April, 2005 mill-konsenjatarju f'Belgrad meta kien hemm tentat li issir il-konsenja, lil konsenjatarju. It-Tribunal, jirrileva li dwar konsenja 750790813 din giet moghtija lir-ricevitur/*'broker'* ghal '*clearance u delivery*,' fl-24 ta' Marzu, 2005; u dwar il-konsenja 316246835 din giet moghtija lir-ricevitur/*'broker'* ghal '*clearance u delivery*,' fl-24 ta' Marzu, 2005.

Dawn it-tlett konsenji flimkien jammontaw ghal mija tnejn u tmenin Liri Maltin u hamsin centezmu (LM182.50).

Illi zewg konsenji kienu jikkonsistu f'kosmetici u li kienu ndirizzati lil persuna privata u cioe' lil individwu mmarkati bhala kampjuni.

Illi skond dokumenti prezentati mis-socjeta' attrici, jghidu lli l-ewwel u t-tielet konsenja ta' 1Kg ta' kosmetici kienet imnizzla bhala kampjuni u gew mizmuma mid-Dwana ta' Belgrade sakemm jigu spezzjonati mid-dipartiment tas-sahha tal-pajjiz. Skond dokumenti ezebiti, r-rapprezentant tas-socjeta' attrici f'Belgrad jghid illi l-konsenjatarju f'Belgrad kien infurmahom bil-miktub illi huwa ma kienx ordna din il-konsenja u l-anqas ma kien interessat fl-oggetti li kellhom jigu konsenjati.

Meta dawn il-konsenji ma gewx spezzjonati mill-aworitajiet tas-sanita' f'Belgrad mill-konsenjatarju u gew rifjutatati minnhom id-Dwana f'Belgrad zammet l-konsenja ghal perjodu ta' zmien izda sussegwentement iz-zmien moghti lilhom ghar-rilaxx doganali gie mitluf .

Illi xi jiem wara l-ewwel konsenja il-konvenuta bghatet 27Kg kosmetici lill-istess individwu u dawn gew imnizzla fid-dokumenti tal-konsenja bhala '*sample/promotional goods*.' Skond ix-xhieda moghtija u x-xhieda dokumentali individwu ma jistghax jircievi kampjuni, izda kienet biss socjeta' li tista' tircievi kampjuni. Peress il-fattura kellha dawn il-kliem individwu ma setghax jirtira din il-konsenja u l-awtoritajiet f'Belgrad talbu ukoll li ssir spezzjoni tal-konsenja. Jidher minn dokumenti pprezentati li l-konsenjatarja sussegwenetement informat lill-Awtoritajiet f'Belgrad illi l-konsenja kienet ghall-uzu personali taghha izda jidher illi l-awtoritajiet f'Belgrad ma accettawx il-verzjoni tal-konsenjatarja f' Belgrad.

Illi l-konvenuta tghid illi sussegwentement minhabba l-urgenza involuta hija kienet bghatet l-istess xoghol *tramite* socjeta' ohra li toffri *servizz courier* f'Malta u dawn wasslu fid-destinazzjoni minghajr inkwiet. Il-konvenuta qalet ukoll lli il-pakkett mibghut minnha ma socjeta' terza kien izghar minn dak mibghut originarjament mas-socjeta' attrici. It-Tribunal jirrileva lli fil-waqt illi l-ewwel pakkett kien ta' 27 Kg fil-piz, it-tieni konsenja mibghuta ma socjeta' terza kienet ta' 1.6Kg fil-piz kif ukoll certi partikolari fid-dokumenti gew mibdula. Fid-dokumenti il-pakkett kien imnizzel bhala 'rigal' izda mas-socjeta' attrici l-konsenja giet iddikjarata bhala *sample/promotional goods*. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-paragun tal-konsenja mas-socjeta' terza ghandu jigi investigat sew minn dan it-Tribunal sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa fil-konfront tal-partijiet.

Illi l-konvenuta tghid illi hija kienet tippretendi lli peress illi s-socjeta' attrici toffri servizz minn bieb sa bieb hi ppretendiet illi l-konsenja taghha kellha ssir hekk u ma ppretenditx illi l-klijenti taghha kellhom jigu nvoluti fil-gbir tal-prodotti tal-konsenja.

Dwar formalitiajiet doganali ix-xhud Mark Vella spjega lli s-socjeta' attrici m'hijiex responsabbli ghad-dewmin fir-rilaxx doganali f'pajjizi terzi u jghid ukoll illi normalment huma ma jkunux a konoxxenza tal-formalitajiet doganali kollha u di fatti huma jindirizzaw domandi jew rikjesti dwar formalitajiet partikolari fuq domanda partikolari tal-klijent. Ix-Xhud qal ukoll illi s-socjeta' attrici dejjem tezigi mill-klijenti taghha lli jfornulhom dokumentazzjoni adegwata u meta l-klijenti isaqsuhom x'tip ta' dokumentazzjoni ghandhom bzonn is-socjeta' attrici tinforma u tghin lill-klijenti taghha partikolarment meta l-pajjiz ta' konsenja mhuwiex pajjiz tal-Unjoni Ewropeja.

Illi kull ma ntqal mix-xhud Mark Vella gie sostanzjat mix-xhieda dokumentali ipprezentata mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal, huwa konvint illi s-socjeta' attrici rendiet servizz fuq ordni tal-konvenuta u fic-cirkostanzi is-servizz inghata sewwa u ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici gie ppruvat fil-waqt illi l-eccezzjonijet tal-konvenuta kif ukoll id-danni reklamati mill-konvenuta ma jirrizultawx ippruvati.

It-Tribunal, jidhrlu lli s-socjeta' attrici ma traskuratx l-obbligi taghha u l-anqas ma kienet negligenti fil-qadi ta' dmirijietha fil-konfront tal-konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija sitta u ghoxrin Lira u tmienja u ghoxrin centezmi (LM526.28) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv fil-waqt li jichad il-kontro talba tal-konvenuta.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.**”**

L-appell tal-konvenuta minn din is-sentenza hu hekk koncepit:-

(1) It-Tribunal ghamel apprezzament leggerissimu tal-provi;

(2) It-Tribunal ma qiesx b' mod adegwat il-principji legali involuti f' materja ta' inadempiment u ta' dawk li kellhom ikunu l-impenji tas-socjeta` attrici fl-ezekuzzjoni ta' l-inkariki lilha affidati fil-konsenja ta' l-oggetti ghat-twassil taghhom fil-lok iddestinat;

Fil-qosor, l-oggett tal-kontrattazzjoni bejn il-partijiet kien jitratta minn tliet konsenji separati ta' oggetti biex dawn jitwasslu minn Malta ghal Belgrade. Ghalihom is-socjeta` attrici qeghda tippretendi l-hlas tan-nol dovut u tas-servizzi prestati bhala *courier*. Hemm qbil komuni li dawn l-oggetti ma wasslux ghand il-konsenjatarju minhabba komplikazzjonijiet fid-Dwana f' Belgrade. Dan induca lill-konvenuta tipproponi kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni;

Minn dawn id-dettalji jemani illi s-socjeta` attrici inkarigat ruhha mill-operazzjoni ta' trasport u t-twassil ta' l-oggetti minn lok ta' partenza (Malta) ghal dak ta' destinazzjoni (Belgrade). B' aktar precizazzjoni, "*door to door*". F' din il-veste ta' vettural ir-responsabilita` tas-socjeta` attrici tibda mill-mument li fih hi rceviet l-oggetti intizi ghat-trasportazzjoni sal-mument tar-rikonsenja taghhom lid-destinatarju. Rigwardata taht dan l-aspett il-kuntratt jikkostitwixxi figura partikolari ta' *locatio operis* karatterizzat minn dak fejn il-parti l-wahda tintrabat li taghmel xi haga ghall-parti l-ohra versu korrispettiv. Ara Artikolu 1623, Kodici Civili. Jikkonsegwi illi in segwitu ghall-affidament ta' l-oggetti l-vettural jew *courier* isir id-detentur taghhom fl-interess tal-mittenti u, in kwantu tali, jassumi l-istess obbligi tad-depozitarju (ara Artikolu 1628, Kodici Civili, kollokat precizament fil-Kodici taghna f' para. 1 tas-Sub-Titolu II ta' l-istitut tal-*locatio operis*);

Naturalment, f' operazzjoni kontrattwali ta' din ix-xorta, kif sahansitra hekk rikonoxxut mill-appellanti nnifisha, huwa sintomatiku illi l-mittenti hu dejjem mistenni li jikkollabora mal-*courier*, fis-sens li jipprovdulu informazzjoni ezatta dwar il-lok tad-destinazzjoni u isem id-destinatarju, il-kontenut u l-kwalita ta' oggetti li jridu jigu trasportati, kif ukoll, fejn jokkorri, kull dokumentazzjoni mehtiega. Ad ezempju, fatturi, certifikati u licenzji. Fundamentalment, li l-informazzjoni u indikazzjonijiet ikunu sufficjentement precizi u, fuq kollox, korrispondenti ghall-verita`;

Premess dan, il-konvenuta f' dan il-kaz tallega li da parte tas-socjeta` attrici kien hemm inezekuzzjoni tal-kuntratt billi din ma ddisponietx mill-mezzi u mill-hila professjonali biex twettaq is-servizz lilha kommissjonat minnha. Hi tippretendi illi s-socjeta` attrici messha kienet ghal korrenti tal-ligijiet u l-proceduri doganali f' Belgrade, tgharrafha bil-formalitajiet partikulari ta' dak il-pajjiz u tassistiha b' pariri siewja fir-redazzjoni tad-dokument jew dokumenti mehtiega ghall-iskop mahsub. Tissottometti, inoltre, illi gjaladarba operaturi terzi wasslulha oggetti konsimili bla problemi ta' xejn, dan kellu jfisser, skond il-metru tal-komparazzjoni li taghmel, illi s-socjeta` attrici ma kellhiex dak il-grad ta' hila biex taqdi l-inkarigi lilha affidati;

Huwa intwittiv illi, gjaladarba hu pacifiku illi l-oggetti gew mghoddija lis-socjeta` attrici appellata u dawn baqghu ma twasslux ghand id-destinatarju, l-istess socjeta` attrici kienet mghobbija bl-oneru li tipprova illi n-nuqqas riskontrat fir-rikonsenja ta' l-oggetti lill-persuna ddestinata kien derivat jew minn kaz fortuwitu jew mill-fatt tal-konvenuta mittenti jew dak tad-destinatarju. Dan, wara kollox, hu hekk mistenni minnha anke skond id-dixxiplina kodicistika taghna, ex-Artikolu 1630 tal-Kapitolu 16. Logikament, f' dan id-dizimpenn taghha l-kumpanija appellata tista' anke tirrikorri ghal certi klawsoli tal-kuntratt li jistabilixxu l-presunzjoni tal-kaz fortuwitu jew, ukoll, tar-responsabilita tat-terzi jew tal-mittenti jew tad-destinatarju

billi hu konkordi illi klawsoli bhal dawn, u, *rebus sic stantibus*, jitqiesu validi;

Fuq l-apprezzament taghha tal-provi l-Qorti hi sodisfatta illi s-socjeta` attrici appellata skarikat minn fuqha dan l-oneru. Hi identifikat, sew bi provi dokumentali u testimonjali, illi fit-tliet konsenji, kemm in bazi ghad-dikjarazzjonijiet tal-konvenuta fuq il-fatturi, kemm ghar-raguni ta’ non ko-operazzjoni mid-destinatarju li jipproduci certa dokumentazzjoni meta rikjest, il-process ta’ zdoganament ta’ l-oggetti gew Belgrade ma giex impedut bi htija taghha. Fil-kumpless, il-Qorti ma tikkondividix il-fehma espressa mill-appellanti illi t-tortijiet ghandhom ikunu addebitabbli lis-socjeta` attrici. Gie accertat illi l-kawza li gabet il-konsegwenzi patrimonjali pregudizzjevoli allegata mill-appellanti kienet l-inezatta dikjarazzjoni taghha ta’ l-oggetti spediti, kombinat mal-fatt li d-destinatarju ma kkollaborax mad-dwanjier f’ pajjizu u, sahansitra f’ kaz minnhom, irrifjuta li jricievi r-recezzjoni ta’ l-oggetti ghax, kif iddikjara, ma kienx ordnahom. Ara dokument dikjaratorju a fol. 61 tal-process;

Ma jista’ qatt ikun iddisputat illi jassisti kemm jassisti l-*courier*, il-poter dispositiv ta’ kuntratt bhal dan hu f’ idejn il-mittenti. L-obbligu tal-*courier* hu dak li jsegwi u jezegwixxi l-istruzzjonijiet moghtija b’ dawk id-dikjarazzjonijiet dispositivi u, allura, jekk ir-rikonsenja tibqa’ inezegwita ghal fatt ta’ dawk id-dikjarazzjonijiet jew tan-nuqqas ta’ recezzjoni minn min ghandu jircevihom, l-ebda htija ma ghandha tigi akkollata lil *courier*. Akkoppjat ma’ dan, s’ intendi, hemm dik tal-klawsola ta’ ezoneru espressa fl-Airway Bill (ara *facsimile* a fol. 63) ghall-kaz ta’ eventi ta’ forza magguri u tal-kaz fortuwitu; in partikulari, il-klawsola 12.2 li tezonera lill-kumpanija attrici ghal kaz ta’ “*acts or omissions*” tal-mittenti jew ta’ terzi jew “*an act or omission of any customs, airline, airport or government official*”. Naturalment, ghall-iskop li jigu evitati ekwivoci, wiesgha kemm huma wiesgha dawn l-*exempting clauses*, il-Qorti taghna, kompriza din il-Qorti kif presjeduta, qatt ma accettathom b’ ghajnejja maghluqa kull meta gie

verifikat illi min kellu jezegwixxi l-kuntratt tbieghed mill-mod kif suppost kellu jesegwih. Ara a propozitu "**Robert Borg -vs- Gio Maria Cini *et***", Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu, 1969. Fil-kaz prezenti, pero`, din l-inosservanza ma tinsabx riskontrata. Anzi, jista' jinghad fl-assjem unitarju tal-valutazzjoni tal-provi illi s-socjeta` attrici appellata adottat il-mizuri kollha necessarji skond il-kriterju tad-diligenza normali biex tevita d-dannu.

Ghal motivi kollha superjorment dedotti, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------